Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.17pm

**32.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

31.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**32.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti**

32.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Wieħed u Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

32.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**32.3 Komunikazzjoni mis- Sindku**

32.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-ħitan tas-sejjieħ li waqa wara l-maltempata fi Triq L-Għarreqin ser jitqabbad persuna biex jitneħħa l-periklu għal min ikun qed jaċċessa dik it-triq.

32.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-proġett Mobility Week b'fondi minn Transport Malta ġie mniedi ġewwa l-Mdina fil-bidu ta' Jannar 2022 ser jibda jiġi offrut lir-residenti anzjani trasport biex dak li jkun ikollu xi qadi r- Rabat, Mtarfa jew Dingli jkun jista' jagħmel uzu minn dan is-servizz.

32.3.3 Is- Sindku talab lis SE biex jqabbad lil handyman biex jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq xi toqob li hemm fi Pjazza San Publiju.

32.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li dan l-aħħar fit-Telgħa tas- Saqqajja kien qed ikun hemm ħafna boroz suwed tar-restaurants li ma kienux qed jinġabru mill-kuntrattur privat u għaldaqstant kellem lil Community Police Officers fejn ittieħdet azzjoni immedjata.

32.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex jagħmel rapport formali mal- Pulizija fuq xi tlielaq tad- Drag Racing illegali li kien qed isir fil-Foss ta' L-Mdina bejn il-11.30pm u 12am

32.3.6 Is- Sindku infurma lil Kunsill li b'rabta mal-proġett Creative Europe- Medieval Cities mniedi mill-Komunita' Ewropea huwa kellu laqgħa mas- Sur Louis marketing consultant biex jieħu ħsieb il-preparamenti li irridu nissottomettu flimkien mal-ħames pajjizi oħra involuti f'dan il-proġett fejn jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-Kunsill ta' L-Mdina ser jibbenifika minn għotja ta' € 50,000 kull sena għal erba' snin biex isiru attivitajiet kulturali.

32.3.7 Is- Sindku infurma lill- Kunsill li l-emendi approvati fil-liġi sussidjarja f'dak li jirrigwarda d-dħul ta' vetturi ġewwa l- Mdina ġew sottomessi lid- Dipartiment għall-Gvern Lokali għal kunsiderazzjoni tiegħu.

**F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiza fejn prezenti kien hawn il-Kuratur ta' Casino Notabile, Is- Sur Clifford Galea**

32.8 Is- Sindku beda billi rrigrazzja lis- Sur Galea tax-xogħol siewi u kontribut li ta'biex Casino Notabile ingħatat il-ħajja fejn saru diversi attivitajiet kulturali kif ukoll soċjo kulturali matul dawn is-sitt snin li ilu kuratur.

32.8.1 Is- Sur Galea min naħa tiegħu qal li kontra qalbu u b'dispjaċir kellu jieqaf jgħati dan il-kontribut għar- raġuni li issa ser ikollu rwol importanti fir- Reġjun tat- Tramuntana fejn ser imexxi bħala President dan ir-reġjun. Huwa ta' rendikont tax-xogħol li sar u ngħata minn naħa tiegħu ġewwa Casino Notabile.

**32.4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Lulju sa Settembru 2021**

32.4.1 Is-SE infurma lill- Kunsill li r-rapport finanzjarju ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss għar-raġuni li għadhom ma tlestux min naħa tiegħu

**32.5 Kwotazzjonijiet Ikla tal- Milied**

32.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet b'konnessjoni ma' l-ikla tal- Milied għar-residenti.

32.5.2 Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni ta' Adephi.

**32.6 Ilmenti u Items Oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill.**

32.6.1 Is- SE talab lill-Kunsill li mill-aktar fiss possibbli, tiġi ntrodotta is-sistema ta' pagamenti permezz ta' l-ePOS (Card Acceptace facility)mill-Bank of Valletta.

32.6.2 Il-Kunsill għadda resoluzzjoni fejn approva li tiġi ntrodotta din il-faċilita'

32.6.3 Talba minn Alpine Travel rigward il-possibilita' li tiġi organizzata ikla għal 600 ruħ delegat ta' konferenza fi Pjazza San Pawl. Il-Kunsill ma aċettax din it-talba minħabba kwistjoni loġistika li toħloq inkonvenjenza lir-residenti.

32.6.4 Malta marathon Organizing Committee- Ratla ghal Malta Marathon, Il-Hadd 19ta' Diċembru 2021. Il-Kunsill approva.

**32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

32.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu d-dati tas- 1 ta' Diċembru 2021 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 56,479.33

32.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 32.8 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss

32.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.48pm u ġiet aġġornata għas- 6 ta' Jannar 2021 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___6 ta' Jannar 2021__